

31.1.2024

A9-0114/110

**Emenda 110**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa -1 (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(-1) Sistema tal-ikel sostenibbli hija fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-agroekoloġija tista' tipprovdi ikel tajjeb għas-saħħa filwaqt li żżomm il-produttività, iżżid il-fertilità tal-ħamrija u l-bijodiversità, u tnaqqas l-impronta tal-produzzjoni tal-ikel. Il-biedja organika, b'mod partikolari, għandha potenzjal kbir kemm għall-bdiewa kif ukoll għall-konsumaturi. Is-settur joħloq l-impjiegi u jattira bdiewa żgħażaġh. Il-biedja organika tipprovdi wkoll bejn 10 u 20 % aktar impjiegi għal kull ettaru mill-biedja konvenzjonali, u toħloq valur miżjud għall-prodotti agrikoli. Biex isir l-aħjar użu minn dan il-potenzjal, skont l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" u l-Istrateġiji għall-Bijodiversità tal-Patt Ekoloġiku, il-Kummissjoni stabbiliet mira li mill-inqas 25 % tal-art agrikola tal-UE tintuża għal-biedja organika u li jkun hemm żieda sinifikanti fl-akkwakultura organika sal-2030.**

Or. en

**Emenda 111**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

A9-0114/2024

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(32)</sup> dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'l hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f' postijiet preċiżi.

(1) Mill-2001, meta ġiet adottata d-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(32)</sup>, dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament (OĠM) 'il hawn il-progress sinifikanti fil-bijoteknoloġija wassal għall-iżvilupp ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs), l-aktar prominenti fosthom tekniki ta' editjar tal-ġenoma li jippermettu li jsiru bidliet fil-ġenoma f' postijiet preċiżi. ***Madankollu, anke dawn it-tekniki aktar ġodda jistgħu jwasslu għal riskji u eżiti mhux mistennija li ma jistgħux jitbassru bis-sħiħ u li jistgħu jkunu differenti meta mqabbla ma' pjanti miksuba permezz ta' tnissil konvenzjonali.***

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

<sup>32</sup> Id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE (ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1).

Or. en

31.1.2024

A9-0114/112

**Emenda 112**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6a) Il-Parlament Ewropew, fir-reazzjoni tiegħu għall-istrateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>1a</sup>, enfasizza l-prinċipju ta’ prekawzjoni u l-ħtieġa li jiġu żgurati t-trasparenza u l-libertà tal-għażla għall-bdiewa, il-proċessuri u l-konsumaturi, u saħaq li kwalunkwe azzjoni ta’ politika dwar l-NGTs jenħtieġ li tinkludi valutazzjonijiet tar-riskju u ħarsa ġenerali komprensiva u valutazzjoni tal-għażliet għat-traċċabbiltà u t-tikkettar bil-ħsieb li tinkiseb sorveljanza regolatorja xierqa u jenħtieġ li ttiprovdi informazzjoni rilevanti lill-konsumaturi, inkluż għal prodotti minn pajiżi terzi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi.**

---

<sup>1a</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta’ Ottubru 2021 dwar Strateġija “Mill-Għalqa sal-Platt” għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent (2020/2260(INI)), P9\_TA(2021)0425)

Or. en

31.1.2024

A9-0114/113

**Emenda 113**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(7a) Bħalissa, id-dibattitu dwar l-użu tal-NGTs fit-tnissil tal-pjanti qed isir kważi esklużivament fost ix-xjenzati, l-organizzazzjonijiet xjentifiċi u industrijali, u l-kumpaniji fil-qasam agroalimentari, kif ukoll għadd żgħir ta' NGOs. Madankollu, fit-tfassil ta' politika ġdida dwar l-NGTs, huwa importanti li tiġi inkluża l-vuċi taċ-ċittadini, mhux biss minħabba li l-bijoteknoloġiji għandhom is-setgħa li jfasslu mill-ġdid il-ħajja, iżda wkoll minħabba li joffru l-potenzjal li jsawru mill-ġdid il-prattika tal-agrikoltura u l-futur (tas-sistema) tal-ikel tagħna. Il-mod kif nipproduċu l-ikel jinvolti kwistjonijiet marbuta ma' kif irridu ngħixu fuq din il-pjaneta u kif irridu nirrelataw ma' speċijiet oħra. Għall-finijiet tad-demokrazija, iċ-ċittadini jeħtieġ li jkollhom vuċi dwar liema valuri pubbliċi jiġu inkorporati f'politika ġdida għall-NGTs.*

Or. en

31.1.2024

A9-0114/114

**Emenda 114**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare**

**Daly, Manu Pineda**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(13) Dan ir-Regolament jenħtieġ li  
jiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' pjanti  
tal-NGT.**

***imħassar***

Or. en

31.1.2024

A9-0114/115

**Emenda 115**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom (COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14) Il-pjanti tal-NGT li jistgħu jseħħu wkoll b'mod naturali jew jiġu prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u n-nisel tagħhom miksub b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali ("pjanti tal-NGT tal-kategorija 1") jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala pjanti li sehew b'mod naturali jew li ġew prodotti b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali, minħabba li huma ekwivalenti u li r-riskji tagħhom huma komparabbli, u b'hekk jidderogaw bis-siħ mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u mir-rekwiżiti relatati mal-OĠM fil-leġiżlazzjoni settorjali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi l-kriterji biex jiġi aċċertat jekk pjanta tal-NGT hijiex ekwivalenti għal pjanti li jseħħu b'mod naturali jew imnislin b'mod konvenzjonali u jistabbilixxi proċedura li biha l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jivverifikaw u jieħdu deċiżjoni dwar l-issodisfar ta' dawk il-kriterji, qabel ir-rilaxx jew it-tqegħid fis-suq ta' pjanti tal-NGT jew ta' prodotti tal-NGT. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jkunu oġġettivi u bbażati fuq ix-xjenza. Jenħtieġ li jkopru t-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jiġu osservati fin-natura jew f'organiżmi miksuba b'tekniki ta' tnissil konvenzjonali u jenħtieġ li jinkludu limiti**

**imħassar**

AM\1295925MT.docx

PE756.833v01-00

*kemm għad-daqs kif ukoll għan-numru ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi fil-ġenoma tal-pjanti tal-NGT. Peress li l-ġharfien xjentifiku u tekniku jevolvi malajr f'dan il-qasam, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex taġġorna dawn il-kriterji fid-dawl tal-progress xjentifiku u tekniku fir-rigward tat-tip u l-firxa ta' modifikazzjonijiet ġenetiċi li jistgħu jseħħu fin-natura jew permezz tat-tnissil konvenzjonali.*

Or. en

31.1.2024

A9-0114/116

**Emenda 116**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare**

**Daly, Manu Pineda**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) Il-pjanti kollha tal-NGT **li ma jaqgħux fil-kategorija 1 (“pjanti tal-NGT tal-kategorija 2”)** jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM minħabba li għandhom settijiet ta' modifikazzjonijiet fil-ġenoma **aktar** kumplessi.

(15) Il-pjanti kollha tal-NGT jenħtieġ li jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM minħabba li għandhom settijiet ta' modifikazzjonijiet fil-ġenoma kumplessi.

Or. en



31.1.2024

A9-0114/117

**Emenda 117**

**Anja Hazekamp, Marina Mesure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare**

**Daly, Manu Pineda**

f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

**A9-0114/2024**

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom

(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16) Il-pjanti u l-prodotti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għar-regoli u r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-OĠM u għad-dispożizzjonijiet f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li japplikaw għall-OĠM. Għaċ-ċertezza legali għall-operaturi u għat-trasparenza, jenħtieġ li tinkiseb dikjarazzjoni tal-istatus tal-pjanta tal-NGT tal-kategorija 1 qabel ir-rilaxx intenzjonat, inkluż it-tqegħid fis-suq.**

***imħassar***

Or. en

**Emenda 118**

**Anja Hazekamp, Marina Measure, Mick Wallace, Manon Aubry, Leila Chaibi, Clare Daly, Manu Pineda**  
f' isem il-Grupp The Left

**Rapport**

A9-0114/2024

**Jessica Polfjärd**

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom  
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

**Proposta għal regolament****Premessa 23***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007<sup>(47)</sup> jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B tad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti tal-NGT **tal-kategorija 2 se jkunu** pprojbiti fil-produzzjoni organika. **Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-istatus tal-pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 għall-finijiet tal-produzzjoni organika. L-użu ta' tekniki ġenomiċi ġodda attwalment huwa inkompatibbli mal-kunċett tal-produzzjoni organika fir-Regolament (KE) 2018/848 u l-perċezzjoni tal-konsumaturi tal-prodotti organiċi. Għalhekk, l-użu ta' pjanti tal-NGT tal-kategorija 1 jenħtieġ li jiġi pprojbit ukoll fil-produzzjoni organika.**

(23) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) 834/2007<sup>(47)</sup> jipprojbixxi l-użu ta' OĠM u prodotti li ġejjin mill-OĠM u permezz tagħhom fil-produzzjoni organika. Dan jiddefinixxi l-OĠM għall-finijiet ta' dak ir-Regolament b'referenza għad-Direttiva 2001/18/KE, filwaqt li jeskludi mill-projbizzjoni l-OĠM li jkunu nkisbu permezz tat-tekniki ta' modifikazzjoni ġenetika elenkati fl-Anness 1.B tad-Direttiva 2001/18/KE. B'riżultat ta' dan, il-pjanti tal-NGT **huma u jenħtieġ li jibqgħu** pprojbiti fil-produzzjoni organika. Huwa meħtieġ li jiġi **żgurati li s-settur organiku kollu kemm hu jkollu l-mezzi biex jibqa' ħieles mill-OĠM. L-Istati Membri jenħtieġ li jstabbilixxu regoli biex jiżguraw u jinfurzaw żoni ta' lqugħ wesgħin biżżejjed bejn l-għelejjel organiċi, konvenzjonali u tal-NGT. It-tikkettar u t-traċċabbiltà jenħtieġ li jibqgħu jidhru fuq il-pjanti kollha tal-NGT u l-prodotti li jkun fihom tali pjanti tal-NGT biex jiġi żgurati li ma sseħħx kontaminazzjoni kroċjata tal-pjanti u l-prodotti organiċi.**

<sup>47</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

<sup>47</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

Or. en